**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 59

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 18 ta' Ottubru 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ħadd ma kien assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ħadd ma kien assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

59.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 58

59.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tmienja u ħamsin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

59.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

59.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, l-minuti tat-tmienja u ħamsin laqgħa ġew approvati unanimament.

### 59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

59.3.1 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif l-istatwa tal-Madonna li hemm fi Triq tal-Mirakli ġiet nieqsa bejn il-lejl tal-Ġimgħa 14 ta' Ottubru u s-Sibt 15 ta' Ottubru. Huwa kompla jgħid kif fl-opinjoni tiegħu ma jaħsibx li l-Kunsill għandu jsib oġġezzjoni li jgħin lir-residenti biex terġa titpoġġa Madonna oħra fl-istess post u kif ukoll li tingħata xi għajnuna biex issir aktar sigura ħalli forsi ma terġax tinsteraq. Il-Kunsilliera unanimament qablu.

59.3.2 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif l-applikazzjoni li l-kunsill issottometta mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jiġu nstalli security cameras fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv ġiet milqugħa. Il-Kunsill bħala fondi talab madwar EUR 8000 u ngħata biss madwar EUR 4200. Għalhekk 25% tal-ispiża ser ikollha tinħareġ mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid kif ovjamnet il-Kunsill mhux ser jirrifjuta s-somma ta' madwar EUR 4200 u qiegħed f'qada Finanzjarja tajba li suppost tista tinħareġ l-ispiża ta' 25% mill-fondi tal-Kunsill. Għalhekk l-amministrazzjoni se tibda bil-proċess biex jintalbu l-kwotazzjonijiet u jibda bil-proġett.

59.3.3 Is-Sindku tkellem fuq it-tibdil tal-ismijiet tat-toroq. Huwa spjega kif dan it-tibdil ħoloq xi ftit ilmenti fejn kien hemm min ma qabilx ma' l-isem jew mar-raġuni għaliex inbidlu. Il-Kunsill ġie kkupjat ukoll f'imejl b'petizzjoni li ntbagħtet minn xi residenti lill Street Naming Committee dwar l-isem ta' Triq il-Vittmi tal-kamra tan-nar. Is-Sindku kompla jgħid li kien hemm xi residenti li ltaqgħu miegħu bħala Sindku biex jilmenta, però fl-opinjoni tiegħu huwa spjeġa li l-isem hekk għandu jibqa biex jingħata ġieħ lil dawk il-persuni li ġew nieqsa f'dawn l-inċidenti tal-festa / nar . Apparti minn hekk il-proċess tat-tibdil mexa u deher fil-gazzetta tal-Gvern. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif huwa qed jagħmel l-arranġamenti ma' Identita Malta biex jingħata servizz ta' bdil tad-dokumenti tal-karti tal-identita fil-lokalita ta' Ħal Lija stess. Dan il-proċedura kollha qed tieħu ħsieba l-Amministrazzjoni. Il-Kunsill qiegħed fil-proċess ukoll li jitweħlu dalwaqt l-ismijiet tat-toroq il-ġodda.

59.3.4 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif il-Kuntratur ta' l-iskart domestiku qed jitlob li jibda l-ġabra ta' kuljum fid-9am minnflokk fid-9.30am. Huwa qal li diment li l-kunsill kollu jaqbel, ser jiġi avzat ir-Reġjun b'din id-deċiżjoni. Dan it-tibdil fil-każ ser jibda fl-1 ta' Diċembru, 2023 biex ikun hemm ċans jiġu avżati r-residenti bil-ħinijiet il-ġodda.

59.3.5 Is-Sindku qal li l-kunsill għandu javviċina aktar residenti biex jabbonaw mal-kunsill bl-imejl. Huwa talab lil kunsilliera biex imexxu l-kelma, ħalli jinkitbu aktar residenti.

### 59.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

59.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 59.5 Korrispondenza

59.5.1 Is-Sur Zahra staqsa dwar korrispondenza b'numru 370/2023. Is-Segretarju s-Sindku nfurmawh li dik titratta dwar imejl bi lment fuq tibdil f'isem tat-triq.

59.5.2 Is-Sur Cini staqsa jekk hemmx xi update dwar korrispondenza numru 362/2023 bl-isem 'Grant for the purchase of new electric vehicle 2023. Is-Sindku wieġbu kif is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sur Mario Fava, għadha qed titħabbat ma' TM biex il-kunsill jingħata risposta għalfejn ma jikkwalifikaw għal din il-grant.

59.5.3 Is-Sa Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 391/2023. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif dik hija korrispondenza ma' IM, fejn il-kunsill f'isem resident talab biex IM tagħti għajnuna lil dan ir-resident biex jirranġa żewġ ħitan li huwa għandu fi Triq Agostino Portelli. IM ma laqatx din it-talba għax ma toffrix din it-tip ta' għajnuna.

## 59.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tat-tielet Rapport ta' Kull kwar għal Perjodu Jan – Sep 2023

59.6.1 Dan l-item kellu jiġi maqbuż peress li l-accountant technician u l-accountant għadhom qed jaħdmu fuqu. Dan l-item ser jerġa jitella għall-approvazzjoni fis-seduta li jmiss.

## 59.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

59.7.1.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Rapport ta' Evalwazzjoni Tender street lighting</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq mejda tal-kunsill rapport ta' evalwazzjoni għat-tender tal-istreet lighting. Kopja tar-rapport ingħatat lil kunsilliera qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat il-kontenut tar-rapport.

59.7.1.2 Is-Sa Seguna qalet kif ir-rapport jispjega li kien hemm offerta waħda biss ta' Fabian Mallia, li skond il-bord maħtur din l-offerta hija kemm technically u financially complaint. Hija kompliet tgħid li kemm il-darba l-kunsill jaqbel mad-deċiżjoni tal-bord, tkun tista tkompli bil-proċedura fuq l-Epps. Il-Kunsill unanimament approva r-rapport u d-deċiżjoni meħuda mill-bord.

59.7.2.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Servizz ta' Avukat (Kwotazzjonijiet)</u>
Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv infurmaw lil kunsilliera kif il-kunsill ser ikun qiegħed fil-proċess li jakkwista imqar tlett kwotazzjonijiet ġodda għas-servizz ta' avukat u konsulenza legali. L-avukat li kien qed jagħmel użu mis-servizzi tiegħu riċenti l-kunsill, m'għadux jiflaħ għal ċertu xogħol u għalhekk hemm bżonn li l-kunsill jfittex servizz ta'avukat ieħor.

59.7.2.2 Is-Sa Seguna qalet li hija ser tkun qed tibgħat talba ta' kwotazzjonijiet lil tlett avukati ġodda biex f'każ li l-kunsill ikollu bżonn pariri legali ikun kopert. Naturalment ser tintagħżel l-irħas kwotazzjoni għas-servizzi legali li ser ikun qed jitlob il-kunsill. Il-Kunsill kollu unanimament qabel li għandu jsir hekk.

59.7.3.1 <u>Imejl dwar charging pillars ġewwa Ħal Lija</u>
Is-Sa Seguna nfurmat lis-Sindku u lil Kunsilliera b'imejl mibgħuta mill-Ministeru tal-Enerġija dwar l-installazzjoni ta' diversi charging pillars fir-raħal. Hija spjegat kif il-Ministeru jixtieq ikun jaf fejn fir-raħal, il-kunsill jixtieq li jiġu nstallati dawn il-pillars.

59.7.3.2 Sa ssa ġew proposti charging pillars fi Triq Daniel Sammut, Triq Salvu Mifsud, Triq Preziosi, Triq Robert Mifsud Bonniċi u Triq Sir Ugo Mifsud. Is-Sa Seguna spjegat u uriet lis-Sindku u l-kunsilliera fejn eżatt dawn ser jitpoġġew permezz ta' site plans.

59.7.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li l-Ministeru qed jistaqsi lil kunsill jekk jaqbilx ma' dawn is-siteplans proposti ta' fejn għandhom jitpoġġew ic-charging pillars jew le. Il-Kunsill jista jipproponi siti differenti u anke aktar siti fi toroq oħrajn.

59.7.3.4 Is-Sindku u l-kunsilliera qablu mac-charging pillars li qed jiġu proposti, ħlief dik ta' Triq Robert Mifsud Bonniċi. Il-Kunsill kollu qabel li l-Ministeru għandu jiġi nfurmat li fi Triq Robert Mifsud Bonniċi diġà hemm waħda aktar l-isfel fejn l-iskola u m'hemmx bżonn oħra. Il-Kunsill ssuġġerrixa biex jekk filkas minnflokk issir charging pillar fi Triq il-Kunċizzjoni faċċata tal-kappella tal-Kunċizzjoni fejn id-dog bin.

59.7.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tinforma lil Ministeru bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

59.7.4.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Kwotazzjoni liquid membrane għal bejt tal-binja tal-Kunsill Lokali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq mejda għall-approvazzjoni tas-Sindku u l-kunsilliera, kwotazzjoni biex isir il-liquid membrane fuq bejt tal-binja tal-kunsill lokali. Dan biex il-kunsill żgur ikun moħħu mistrieħ qabel ma tidħol ix-Xitwa sew u tagħmel ix-xita, li ma jkun hemm xejn ta' periklu u ma jidħolx ilma u biex ma jsirux xi ħsarat.

59.7.4.2 Il-Kunsill kollu unanimament approva din il-kwotazzjoni u biex isir ix-xogħol minnufih.

59.7.5.1 <u>Talba biex titweħħel tabella 'Park within the lines' fi Triq il-Vittmi tal-kamra tan-nar</u>
Saret talba mal-kunsill lokali biex f'parti minn Triq il-Vittmi tal-Kamra tan-nar titweħħel tabella li tgħid 'park within the lines'.

59.7.5.2 Il-Kunsill approva din it-talba u ser tintbagħat għall-approvazzjoni ta' TM.

*Il-ħin kien 5:54pm x'ħin daħal fil-kamra l-Viċi Sindku Daniel Mallia.*

59.7.6.1 <u>Talba biex tiġi mplementatha Communal blue parking fi Triq Fernand Grech</u>
Saret talba minn residenta biex il-kunsill jikkunsidra li jimplementa communal blue badge holders parking space fi Triq Fernand Grech.

59.7.6.2 Il-Kunsill approva din it-talba u ser tintbagħat għall-approvazzjoni ta' TM.

59.7.7.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' kwotazzjoni tas-seqer minħabba l-problema tal-ħamiem</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kwotazzjoni ta' kemm ser jiswa seqer lil kunsill, kemm il-darba jixtieq li jipproċedi b'din il-proċedura biex itaffi l-problema tal-ħamiem.

59.7.7.2 Is-Sa Seguna spejagat kif seqer li ser jitpoġġa fil-lokalita għal għaxar tijiem ser jiswa lil kunsill 1003,00 EUR. Suppost għaxar tijiem huma biżżejjed biex il-ħamiem jitgerrex però jaf jagħti l-każ li jkun hemm bżonn aktar ġranet xorta. Is-Sindku tkellem u qal li din hija neċessita għax ħafna residenti qed jilmentaw dwar il-ħmieġ tal-ħamiem.

59.7.7.3 Il-Kunsill qabel li għandha ssir din il-proċedura.

59.7.8.1 <u>Talba sleeping policeman fi Triq Sir Ugo Mifsud</u>
Tressqet talba mal-Kunsill Lokali biex fi Triq Sir Ugo Mifsud quddiem il-każin San Pio X u l-banka tal-Lottu, tiġi nstallatha sleeping policeman. Skond rapporti li għandu l-kunsill karozzi li jkunu ġejjin minn Triq il-Forn u minn fejn Bonaċi qed jgħaddu bi veloċità qawwija ħafna.

59.7.8.2 Wara diskorsata żgħira li saret irriżulta li s-Sur Mallia ma tantx huwa favur din it-talba għaliex fl-opinjoni tiegħu, hemmhekk m'hemmx lok fejn wieħed itella ċertu veloċità. Is-Sindku wieġeb kif mid-dehra xi ħadd irnexxielu jtella ċertu veloċità għaliex għal ftit ma ntlaqatx tifel riċenti li ħareġ mill-każin. Is-Sur Mallia ssuġġerrixxa biex jekk filkas forsi issir xi tip ta' protective measure quddiem il-każin li twaqqaf tfal milli joħorġu għat-triq bħal U-Bar. Is-Sindku qal li sfortunatament hemm hekk il-bankina dejqa biex issir U-Bar.

59.7.8.3 Is-Sa Farrugia ssuġġeriet biex jekk filkas minflokk hump waħda ssiru qishom ħafna lasktu fejn xulxin li dawn ukoll iġeluk tgħaddi bilmod. Is-Sindku qal din mhux idea ħażin u għandna nsaqsu dwarhom, għal parir ma' TM.

Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li l-amministrazzjoni tikkonsulta ma' TM u tidaħħal l-applikazzjoni neċessarja għall-approvazzjoni ta' TM.

## 59.8 Milied 2023

59.8.1 Is-Sur Dalli spjega kif għas-sena 2023, din id-darba l-għarmar tal-Milied ser ikun qed issir mill-għaqda tal-festi ta' barra. Is-Sur Dalli qal li sar ftehiem li dawn jarmaw is-siġar bid-dawl fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u bejnw wieħed u ieħor din l-ispiża jaf tammonta b'kollox madwar xi 2,000 EUR. Ukoll hemm l-ispiża li jrid jinkera cherry picker biex jiġi armat dan id-dawl flimkien mal-ispiża biex tinkera kaxxa tad-dawl. L-arbli l-kunsill mhux ser iħallas tagħhom u dawn ser tkun qed tieħu ħsiebhom l-għaqda.

59.8.2 L-MTA għadna ma avviċinatx lil Kunsill dwar jekk mhux ser jingħataw fondi għat-tiżjien tal-Milied jew le għas-sena 2023. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tagħmel kuntatt mal-MTA dwar dan.

59.8.3 Is-Sur Dalli qal li qed jipprova jirranġa biex jintrema ukoll presepju fuq iz-zuntier bħal ma jagħmlu l-Vatikan. Dan is-soltu jitpoġġa fi Kastilja. Is-Sindku qal li huwa għadu qed jitħadded ma' diversi persuni li jistgħu jkunu ta' għajnuna f'din il-ħaġa.

59.8.4 Is-Sindku qal li għas-sena 2023 mhux ser tkun qed tintrema s-siġra tal-Milied.

59.8.5 Is-Sur Dalli qal li avviċinah assistent tal-kummissarju tal-banda tal-pulizija biex għal żmien il-Milied issir kunċert tal-banda mill-pulizija li dan jammonta għal madwar 3,000 EUR. Is-Sindku qal kif bħala prezz huwa daqsxejn għoli, u ser jerġa jkellem lil assistent tal-kummissarju tal-banda tal-pulizija biex forsi jinżel daqsxejn fil-prezz, għax tkun ħaġa sabiħa jekk issir dan il-kunċert.

59.8.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill għal żmien il-Milied qed jaħseb ukoll biex jinħareġ l-edizzjoni tal-fuljett tal-kunsill li jmiss. Il-Kunsilliera qablu.

59.8.7 Is-Sindku tkellem dwar aktar attivitajiet li l-kunsill ser ikun qed jaħdem fuqhom biex jitwettqu għaż-żmien tal-Milied fosthom, l-ikla ta' nofsinhar tal-anzjani, l-attivita tal-mother christmas, l-ikla tal-istaff tal-kunsill u wkoll huwa tal-parir li ssir xi attività żgħira għal dawk l-anzjani kollha fi Ħal Lija li jinsabu miġbur ġol-homes. Ikun ġest sabiħ li kieku l-kunsill jagħmilhom żjara fejn jingħataw xi ħaġa żgħira. Il-Kunsilliera ħadu nota u qablu dwar dawn il-preparamenti.

59.8.8 Is-Sur Dalli kompli jżied li l-kunsill ser ikun anke qed jaħdem biex terġa ssir ħarġa kulturali oħra għax din kienet intoġġħbot ħafna mir-residenti, bħal meta marru l-Birgu. Din għandha ssir fi Novembru.

59.8.10 Is-Sindku qal li qabel il-Milied, fi Novembru huwa tal-parir li ssir attivita oħra li tikkonsisti fi talk edukattiva dwar l-ikkultivar tas-siġar, biex umbagħad issir oħra qrib jew fil-festival taċ-ċitru.

59.8.11 Hawnhekk is-Sindku ħa l-opportunita ukoll biex avża lil kunsilliera bl-inizjattivita tar-Reġjun fejn għamel ċertu arranġamenti biex minn issa sa Mejju, fil-pixxina jkun jista jsir għawm ta' siegħa (9:00am -10:00am) kull nhar ta' Tnejn mir-residenti Liljani 60+, li jservihom ta' eżerċizzju.

59.8.12 Is-Sindku qal kif bażikament dak huwa l-pjan tal-Milied bejn wieħed u ieħor u fis-seduta li jmiss dawn il-preparamenti kollha ser ikomplu jiġu diskussi.

## 59.9 Festival Taċ-Ċitru 2024

59.9.1 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif għas-sena 2024 il-kunsill ser jipprova jorganizza l-festival taċ-ċitru l-Ħadd 21 ta' Jannar 2023. Il-Festival taċ-ċitru tal-President ser ikun qed jiġi organizzat il-Ħadd 14 ta' Jannar 2023.

59.9.2 Il-Kunsill biex itella din l-attivita għandu madwar 7,500 EUR b'fondi akkwistati mid-dipartiment tal-Gvern Lokali u għalhekk bħala attività ser tingħata daqsxejn ta' spinta. Ir-Reġjun fis-sena 2024, ser ikun ir-Reġjun tal-Kultura u l-festival taċ-ċitru ser ikun l-ewwel festival li bih ser jinfetaħ u jsir il-launching tar-Reġjun. Biex jiġi nvolut l-element tal-kultura fil-festival taċ-ċitru, bħala parti mil-launch tar-Reġjun, is-Sindku qal kif huwa qed jitħadded ma' tal-festi biex forsi fil-festival jkun hemm preżentazzjoni tal-maskli tal-festi, biex dawn jitpoġġew bħala display fil-pjazza. Diskussjonijiet qed issiru ukoll bejn il-Kunsill u r-Reġjun dwar dan.

59.9.3 Is-Sur Dalli qed jittama li għal dakinhar it-temp ikun jippermetti ħalli ma jitħassrux festi. Is-Sur Mallia qal li tajjeb jekk il-kunsill ikollu pjan f'każ li jkun maltemp. Is-Sur Dalli wieġeb kif fl-opinjoni tiegħu f'każ li jkun maltemp, il-festival minnflokk jsir fil-pjazza naraw jistax isir fis-sala tal-kappillan. Is-Sindku qal ukoll li f'każ ta' maltemp qed jitħadded anke mar-Reġjun biex forsi bl-għajnuna tiegħu jinkrew xi tlett gazebos kbar li jagħttu parti kbira mill-pjazza u jkun hemm ilqugħ mill-maltemp.

59.9.4 Aktar preparamenti u diskussjonijiet dwar il-festival taċ-ċitru ser ikompli fis-seduti li ġejjien.

## 59.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

59.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 10/23 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €52.17 għax-xahar ta' Settembru.

59.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 10/23) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 59.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

59.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjoni alarmanti riċenti ma kienx hemm.

## 59.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

59.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

59.12.2 Is-Sa Farrugia qalet li fil-binja l-ġdida ta' Triq Carmelo Farrugia qed jinkrew ħafna flats għal short lets u ħafna mill-barranin li qed joqgħodu fihom jagħmlu użu mill-iscooters tal-eletriku. Hija staqsiet lis-sindku jekk forsi tistax ssir parking bay għall-iscooters biex b'hekk jipparkjaw sew ġo din il-kaxxa u mhux jinxteħtu ma' kullimkien fejn saħansitra jkunu ta' ostaklu. Is-Sindku wieġeb lura kif bħalissa l-aħjar li l-kunsill ma jieħux azzjoni għaliex għaddejjin diskussjonijiet dwar dan bejn TM u r-Reġjun ta' x'aħjar li għandu jsir. Huwa tal-parir li l-kunsill jistenna way foward mingħand TM u r-Reġjun. Il-Kunsill qabel.

59.12.3 Is-Sa Farrugia staqsiet jekk jistax isir xi ħaġa fuq dik l-akwata tal-ħamrija fil-ġnien ma'ġenb tal-boċċi. Staqsiet jekk tistax titnaddaf l-akwata għax ħlief ħmieġ fiha m'għandix u biex anke tingħalaq sew ħalli ma jibqgħux isiru ċertu abbużi għaliex hemm anke minn qed iħalli l-klieb jiġru f'din l-art. Is-Sa Seguna qaltila li dik kienet diġà tnadfet meta waqa il-ħajt. Is-Sindku kkonferma dak li qalet is-Sa Seguna, u qal kif ser jara x'ser jagħmel ukoll biex ma jibqgħux isiru ċertu abbużi. Is-Sa Farrugia qalet li għandha xi ritratti tal-affarijiet li hemm u ser tibgħathom għall-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv.

59.12.4 Is-Sur Mallia staqsa lis-Sindku jekk tow trakk jistax jitħalla pparkjat barra matul il-lejl, għax ta' spiss qed jinnota tow trakk li jkun ipparkjajt bil-lejl u ġieli jkun ta' ostaklu. Is-Sindku talbu biex meta jerġa jinsertah, ikelmu minnufih ħalli jagħmel rapport mal-awtoritajiet.

59.12.5 Il-Ħin kien 6:36pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar L-Erbgħa 15 ta' Novembru 2023 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum l-Ebrgħa 15 ta' Novembru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |